**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Colin Sheldon)**

**Vs**

**Anthony Degabriele**

**Illum 21 ta' Ottubru 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Anthony Degabriele**, ta' ħamsin (50) sena, iben Orazio u Josephine neè Spagnol, imwieled il-Pietà fit-2 ta' Jannar 1974, residenti ġewwa 33, Triq Sciortino, Żejtun, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 45674(M), talli nhar it-18 ta' Ottubru 2024, għall-ħabta ta' 20:00hrs u/ jew ħinijiet u/jew ġranet qabel, u/jew xhur qabel, ġewwa dawn il-gżejjer Maltin:

1. Bl-imġieba tiegħu kkaġuna lis-sieħba tiegħu Jacqueline Catania biża' li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 251(3), 251H(a), 251HA, 202(e)(h)(i)(v)(vi) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi ħebb kontra l-persuna tas-sieħba tiegħu Jacqueline Catania, sabiex jinġurjaha jew jagħmel ħsara lilha jew lil ħaddieħor, kemm-il darba dan il-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Mingħajr ma darab jew sawwat, hedded lis-sieħba tiegħu Jacqueline Catania b'ġebel jew oġġett ieħor iebes jew waddab jew qabad xi arma sabiex iħebb għaliha, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma tiskorrix il-mitejn u ħamsin Euro (€250), għad-dannu tas-sieħba tiegħu Jacqueline Catania, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti: (i) tipprovdi għas-sigurtà ta' Jacqueline Catania billi jekk jidhrilha li jkun xieraq u neċessarju u taħt dawk il-kondizzjonijiet kollha li tqis xierqa u opportuni, toħroġ Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' Anthony Degabriele ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) jekk jidhrilha xieraq tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront ta' Anthony Degabriele ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (iii) f'każ ta' ħtija għar-reati kollha msemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, tħaddem kontra Anthony Degabriele d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 532A, 532B u/jew ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabilixxi l-Liġi; (iv) f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tapplika fil-konfront ta' Anthony Degabriele għas-sigurtà ta' Jacqueline Catania, id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 382 u 383 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali a tenur ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta markat Dok. "X";

Rat li l-imputat, filwaqt li ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, jwieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu;

Semgħet ix-xhieda ta' Jacqueline Catania fejn fost affarijiet oħra ddikjarat li taħfer lill-imputat u talbet li dawn il-proċeduri fil-konfront tiegħu ma jitkomplewx;

Rat l-Artikolu 543(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli nhar it-18 ta' Ottubru 2024, għall-ħabta ta' 20:00hrs u/jew ħinijiet u/jew ġranet qabel, u/jew xhur qabel, ġewwa dawn il-gżejjer Maltin: (1) Bl-imġieba tiegħu kkaġuna lis-sieħba tiegħu Jacqueline Catania biża' li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dana bi ksur ta' l-Artikoli 251(3), 251H(a), 251HA, 202(e)(h)(i)(v)(vi) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (2) U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi ħebb kontra l-persuna tas-sieħba tiegħu Jacqueline Catania, sabiex jinġurjaha jew jagħmel ħsara lilha jew

lil ħaddieħor, kemm-il darba dan il-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (3) U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (4) Mingħajr ma darab jew sawwat, hedded lis-sieħba tiegħu Jacqueline Catania b'ġebel jew oġġett ieħor iebes jew waddab jew qabad xi arma sabiex iħebb għaliha, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (5) Volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma tiskorrix il-mitejn u ħamsin Euro (€250), għad-dannu tas-sieħba tiegħu Jacqueline Catania, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Filwaqt li ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

Dakinhar li l-imputat tressaq taħt arrest quddiem il-Qorti, ossia fl-20 ta' Ottubru 2024, l-allegata vittma Jacqueline Catania għażlet li tieħu l-pedana tax-xhieda u taħt ġurament iddikjarat li taħfer lill-imputat u talbet sabiex dawn il-proċeduri fil-konfront tiegħu ma jitkomplewx.

Mix-xhieda ta' Jacqueline Catania rriżulta li hi u l-imputat ilhom f'relazzjoni għal ftit iktar minn ħdax-il sena u li tul dan il-perijodu kollu huwa qatt ma kien vjolenti fil-konfront tagħha u għalkemm kien ikollhom disgwidi minn żmien għal żmien, stqarret li dawn kienu jkunu disgwidi bħalma ġieli jinqalgħu bejn koppji. Filwaqt li irrikonoxxiet li l-imputat għandu problemi ta' *anger management* u anke sitwazzjoni bl-alkoħol, u li anke reċentement qed tidħol ftit kwistjoni ta' għajra, tant li hi tixtieq li huwa jieħu t-terapija meħtieġa biex jegħleb dawn il-kwistjonijiet, tħoss li ma għandhomx jitkomplew il-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu għaliex qatt ma kien hemm abbuż fiżiku da parte tiegħu fuqha u għalkemm, kif ingħad, kien hemm disgwidi ma kienux xi ħaġa partikolari, tant illi qatt ma ħasset il-ħtieġa u l-bżonn li tagħmel rapport mal-Pulizija fil-konfront ta' l-imputat. Jacqueline Catania stqarret ukoll li l-imputat imur tajjeb ħafna mat-tifel tagħha, li illum il-ġurnata għandu disgħa u għoxrin sena, u anke meta hi u l-imputat jiġu biex iqassmu x-xogħol tad-dar bejniethom, stante li hi taħdem ħafna ħinijiet barra, dejjem ftehmu bejniethom u għenu lil xulxin. Stqarret li l-imputat huwa bniedem ħabrieki u jaħdem ħafna.

It-talba ta' Jacqueline Catania sabiex il-proċeduri fil-konfront ta' l-imputat ma jitkomplewx, hija kjarament ibbażata fuq l-Artikolu 543(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu tal-Liġi jipprovdi: *Il-pulizija tista' taġixxi, ukoll mingħajr il-kwerela privata, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin - … (e) fil-każ ta' xi reat li jinvolvi vjolenza domestika: Iżda għall-finijiet ta' dan il-paragrafu "vjolenza domestika" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 2 ta' l-Att dwar il-Vjolenza abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika: Iżda wkoll għandu jkun legali li, wara li jkunu nbdew proċeduri fil-qorti bis-saħħa ta' dan l-artikolu għal reat imsemmi f'dan il-paragrafu, vittma allegata ta' reat li jinvolvi vjolenza*

*domestika tista' titlob lill-qorti li twaqqaf il-proċeduri kontra l-awtur allegat, u meta ssir talba bħal dik il-qorti tista' tiddeċiedi u tordna li l-proċeduri kontra l-awtur allegat jitkomplew, filwaqt li tingħata konsiderazzjoni partikolari għall-aħjar interessi tal-kwerelant, tal-minuri involuti, u xi terzi relevanti, u għandha tordna li dik it-talba u deċiżjoni jiġu reġistrati fl-inkartamenti tal-każ.*

Id-definizzjoni ta' 'vjolenza domestika' ai termini ta' l-Artikolu 2 tal-Kap.581 tal-Liġijiet ta' Malta hija *l-atti jew l-ommissjonijiet kollha, inkluż il-vjolenza verbali, fiżika, sesswali, psikoloġika jew ta' natura ekonomika li jikkawżaw ħsara u, jew tbatija fiżika jew morali, inkluż it-theddid ta' tali atti jew ommissjonijiet, l-isfurzar, jew iċ-ċaħda arbitrarja tal-libertà, li sseħħ fi ħdan familja u, jew f'relazzjoni intima, kemm jekk l-awtur tar-reat jgħix jew kien jgħix fl-istess residenza mal-vittma jew le, u għandha tinkludi wkoll tfal li jkunu xhieda ta' vjolenza domestika fi ħdan il-familja u, jew relazzjoni intima.*

Minn dan il-provvediment tal-Liġi joħroġ ċar li l-proċedimenti fir-rigward ta' xi reat li jinvolvi vjolenza domestika kif imfissra fl-Artikolu 2 tal-Kap.581 tal-Liġijiet ta' Malta, jistgħu jittieħdu mill-Pulizija *ex officio*, ossia mingħajr il-kwerela tal-parti leża, iżda l-vittma ta' tali reat li jinvolvi vjolenza domestika tista' titlob li l-proċeduri hekk mibdija jitwaqqfu.

Il-Qorti hawn tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Norman Cascun, Appell Nru. 233/19**, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-12 ta' Diċembru 2019, fejn ġie osservat illi: *l-Artikolu 543 tal-Kodiċi Kriminali jippreskrivi sitwazzjoni fejn il-kontinwazzjoni ta' l-azzjoni kriminali mibdija ex officio, (a prescindere mill-fatt jekk ir-reat li jinvolvi vjolenza domestika jkunx wieħed minn dawk li jeħtieġu l-kwerela tal-parti offiża jew le - stante li l-Liġi hija siekta fuq dan) tista' tiġi mitmuma fuq deċiżjoni tal-vittma. Hawnhekk il-leġislatur ried li jintroduċi kwalifika għar-regola li azzjoni kriminali istitwita ex officio tibqa' miexja indipendentement mir-reċess jew remissjoni tal-parti privata sabiex fil-każijiet ta' vjolenza domestika jissalvagwardja l-interessi supremi tar-relazzjonijiet familjari (forsi biex jipprova jsalva dak li hu salvabbli u ma jkunx hemm attrit jew peġġjorament tar-relazzjonijiet interpersonali bejn membri tal-familja li fl-aħħar mill-aħħar ikunu jridu jibqgħu jgħixu flimkien taħt l-istess saqaf jew iżommu l-kuntest domestiku ta' bejniethom). Hawnhekk allura l-Liġi trid li tipprevali il-Grazzja fuq il-Ġustizzja fl-interess suprem tal-ħajja domestika u l-importanza li din għandha fil-kuntest soċjali tal-pajjiż. Iżda l-Qorti hija akkordata, per via eccezionale, u fil-każijiet appositi, id-diskrezzjoni li tmur kontra din ix-xewqa tal-vittma u tordna li l-proċeduri kontra l-awtur allegat jitkomplew. Fil-fehma tal-Qorti però l-enfasi tal-Liġi f'dan il-proviso qiegħed fuq l-għażla tal-vittma aktar milli fuq id-diskrezzjoni tal-Qorti.*

Għalkemm fil-każ in eżami r-reati li bihom qed jiġi mixli l-imputat ma jistgħux u ma għandhomx jiġu kkunsidrati bħala insinifikanti, u għalkemm ukoll id-Danger Assessment fil-konfront ta' Jacqueline Catania magħmul dakinhar li hi ntavolat ir-rapport fil-konfront ta' l-imputat, ħareġ bħala *severe*, mill-aġir u xhieda ta' Jacqueline Catania waqt is-seduta ta' l-20 ta' Ottubru 2024, il-Qorti hija propensa li temmen li l-imsemmija Jacqueline Catania għażlet li tixhed minn jeddha, għażlet li

tgħid l-affarijiet kollha li qalet minn jeddha u b'mod ġenwin u wkoll għażlet li titlob li l-proċeduri fil-konfront ta' l-imputat jitwaqqfu, b'mod volontarju u mingħajr ebda pressjoni mingħand ħadd. Huwa evidenti mix-xhieda ta' Jacqueline Catania li hija trid issalva r-relazzjoni tagħha ma' l-imputat, liema relazzjoni ilha għaddejja għal numru twil ta' snin u li għajr xi disgwidi li kellhom, skontha bħal kull koppja oħra, qatt ma kien hemm sitwazzjonijiet ta' vjolenza jew abbuż fiżiku fil-konfront tagħha, tant li qatt ma ħasset il-ħtieġa li tagħmel rapport mal-Pulizija fil-konfront tiegħu. Jacqueline Catania trid ukoll issalva din ir-relazzjoni ma' l-imputat anke minħabba ir-rispett reċiproku li jidher li hemm bejn binha ta' disgħa u għoxrin sena u l-imputat, rispett dan essenzjali u ċentrali fin-nukleju familjari.

Kif ingħad fis-sentenza appena ċitata għalhekk għandha, fid-dawl ta' dak li ngħad minn Jacqueline Catania taħt ġurament, *tipprevali il-Grazzja fuq il-Ġustizzja fl-interess suprem tal-ħajja domestika u l-importanza li din għandha fil-kuntest soċjali tal-pajjiż.*

Għaldaqstant, b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 543(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, in partikolari t-tieni proviso ta' l-istess, il-Qorti tqis li t-talba ta' Jacqueline Catania biex il-proċeduri fil-konfront ta' l-imputat ma jissokktawx għandha tiġi milqugħa.

Għal dawn ir-raġunijiet għalhekk, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 543(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, in partikolari t-tieni proviso ta' l-istess, u l-Artikolu 2 tal-Kap.581 tal-Liġijiet ta' Malta, tilqa' t-talba ta' Jacqueline Catania sabiex il-proċeduri kontra l-imputat jiġu mwaqqfa u konsegwentement tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront ta' l-imputat b'dawn il-proċeduri.

**MAĠISTRAT**